**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 22 ta' April 2021

Rikors Numru: 225/2020/2 AL

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attur li permezz tiegħu ppremetta:

*Illi permezz tar-rikors ġuramentat fl-ismijiet premessi, l-esponenti talab, fost affarijiet oħra, sabiex tiġi dikjarata s-separazzjoni personali bejnu u bejn l-*

[1] Fol. 2.

*intimata C B; u sabiex tiġi ordnat ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, tiġi likwidata l-istess u tinqasam bejn il-partijiet hekk kif mitlub fir-rikors ġuramentat promotur;*

*Illi l-kontendenti –tnejn jaħdmu u għandhom introjtu separate. L-esponenti huwa mpjegat mal-Freeport, filwaqt li l-intimata tiġġestixxi n-negozju tal-komunjoni Boogie Bounce Extreme Malta;*

*Illi inoltre llum-il ġurnata, il-kontendenti ilhom jgħixu separatament kwazi sentejn, b'dan li l-esponenti telaq mid-dar matrimonjali biex ma jaqax għall-provokazzjoni ta' martu l-intimata u t-tfal ma jassistux għall-ġlied bejn il-kontendenti; filwaqt li l-intimata baqgħet tgħix fid-dar matrimonjali mat-tfal.*

*Illi l-intimata qegħda tgħix ħajja ta' single, u filfatt għandha relazzjoni extra-matrimonjali, tant li fil-11 ta' Novembru, 2020, l-esponenti mar lura d-dar fid-9.30 a.m. u hemmhekk sax mhux biss lill-martu u lill-bintu (meta din suppost kienet l-iskola), izda bejn is-sodod fil-kamra tas-sodda tat-tfal, jistaħba taħt kutra sab lill-partner tal-intimata Justin Balzan f'daru, hekk kif jidher fir-recording ezebit ma' rikors ipprezentat kontestwalment mar-rikors odjern. L-intimata sostniet li dan Justin Balzan mar ibidlilha l-gas!! Ftit jiem wara l-esponenti rċieva video ta' Justin Balzan isuq il-vettura proprjeta' tal-komunjoni, bl-intimata fis-seat tal-passaġier;*

*Illi ladarba l-kontendenti qed igħixu separatament, hemm lok li jinħareġ ordni ta' waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet;*

*Illi s-segwenti huwa l-insenjament ta' din l-Onorabbli Qorti fir-rigward tat-talbiet għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti: "Din il-Qorti dejjem uriet il-fehma li huwa propju fl-ambitu u fl-iskop tal-liġi illi meta l-ħajja mizzewġa tal-partijiet tispiċċa, konjuġi ma jibqax igawdi l-frott tal-ħidma tal-konjuġi l-ieħor. Huwa dan l-iskop, jew wieħed mill-iskopijiet, għall-waqfien tal-komunjoni fi stadju bikri tal-proċeduri tal-firma, għaliex jista' jkun ta' preġudizzju għal konjuġi wieġed jekk il-komunjoni tal-akkwisti tibqa' viġenti u l-konjuġi l-ieħor jibqa' jgawdi l-frott tal-ħidma tal-ewwel konjuġi, minkejja li l-ħajja matrimonjali bejniethom tkun spiċċat".*[2]

[2] Francis Pisani vs Jacquline Pisani (Rikors numru 168/2015 AL) deċiza fil-5 ta' Diċembru, 2018; Stephanie Attard vs Kenneth Attard (Rikors numru 188/2015/2AL) deċiza fis-26 t'Ottubru, 2016; u Elizabeth Spiteri vs Carmelo Spiteri (Rikors numru 71/15/1 AL) deċiza fil-15 ta' Marzu, 2018.

*Għaldaqstant, fl-isfond tas-suespost, ai termini tal-Artikolu 55 (1) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) tal-Liġijiet ta' Malta, prevja kull dikjarazzjoni meħtieġa fil-liġi, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tawtorizza lill-esponenti jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'tali ordni ta' waqfien tal-komunjoni.*

Rat ir-risposta tal-konvenuta C B[3], fejn eċċepiet:

*Illi l-esponenti filwaqt li ma topponix għat-talba tar-rikorrenti ai termini tal-artikolu 55 (1) tal-Kodiċi Ċivii tal-Liġijiet ta Malta tikkontesta bil-qawwa l-premessi kif dedotti fir-rikors:*

- *(i) Peress li dawn ma humiex il-bazi l-għala tintalab il-waqfien tal-komunjoni;*
- *(ii) Peress il-kawza għadha lanqas ġiet appuntata għall-ewwel dehra u min jallega jrid jipprova u allegazzjoni fi premessa ma tfisser xejn;*
- *(iii) Peress illi mingħajr preġudizzju għall dan kien ir-rikorrenti li kisser dan iz-zwieġ bir-relazzjoni adultera li kellu hu u mhux kif qiegħed jipprova jpinġi r-rikorrenti;*

*Tant l-esponenti għandha x'tissottometti.*

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat illi r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.[4]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

**1. L-Azzjoni Odjerna:**

Il-Qorti għandha quddiemha talba min-naħa tal-attur A B sabiex pendenti l-kawza bejn il-partijiet tiġi xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom, hekk kif l-attur jallega illi *"l-kontendenti t-tnejn jaħdmu u għandhom introjtu separat. (...)*

[3] Fol. 6.
[4] Fol. 8.

*il-kontendenti ilhom igħixu separatament kwazi sentejn, (...) Illi ladarba l-kontendenti qed igħixu separatament, hemm lok li jinħareġ ordni ta' waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet".*[5]

Min-naħa l-oħra, l-attriċi filwaqt li ma toġġezzjonax *per se* għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti abbazi tal-Artikolu 55 subinċiz 1 tal-Kodiċi Ċivili, tirrileva li madanakollu qiegħda tikkontesta l-premessi kif dedotti fir-rikors tal-attur, fis-sens illi toġġezzjona li: (i) il-premessi ma humiex il-bazi għala kellu jitlob l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, (ii) il-kawza għadha lanqas biss ġiet appuntata għall-ewwel dehra u b'hekk dak allegat mill-attur għadu qas biss ġie ppruvat, (iii) kien proprju l-attur li kisser iz-zwieġ tal-partijiet.

## 2. Prinċipji Legali:

F'dan l-istadju l-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 55 subinċiz 1 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jagħtiha l-fakolta' li f'kull zmien matul is-smigħ tal-kawza ta' firda personali, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taħt amministrazzjoni separata. L-istess Qorti trid neċessarjament tevalwa jekk xi waħda mill-partijiet tkunx ser tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda u dan *ai termini* tal-Artikolu 55(4) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi s-segwenti:

*"(1) Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.*

*(2) L-ordni tal-waqfien tal-komunjoni kif imsemmi fis-subartikolu (1) għandha tingħata b'sentenza li minnha kull parti jkollha l-jedd illi tappella mingħajr ma jkun hemm ebda ħtieġa ta' permess tal-qorti għal dan.*

*(3) L-ordni ta' waqfien tkun tgħodd bejn il-miżżewġin minn dakinhar tas-sentenza tal-appell jew, jekk ma jsirx appell, minn dakinhar illi jgħaddi ż-żmien imħolli għall-appell, u tibqa' tgħodd ukoll jekk il-kawża ta' firda ma titkompliex.*

[5] Fol. 2.

*(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.*

*(5) L-ordni ta' waqfien taħt dan l-artikolu għandha, a spejjeż tal-parti li tkun talbet dak il-waqfien, tkun notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dik l-ordni għandu jkollha effett daqs li kieku l-waqfien talkomunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata sar b'att pubbliku.*

*(6) Sakemm il-qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet, ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn ilpartijiet fil-bidu tal-kawża ta' firda, meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna li l-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li jkun hemm bejn il-partijiet tispiċċa mill-jum li fih is-sentenza tkun finali u konklużiva.*

*(7) Il-qorti tista' iżda, meta fil-fehma tagħha ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, tordna li beni li jkunu parti mill-komunjoni ma jinqasmux qabel ma jgħaddi dak iż-żmien wara li tispiċċa l-komunjoni li tista' fl-ordni tistabbilixxi.*

*(8) Kull ordni mogħti mill-qorti skont is-subartikolu (7), jista', għal raġuni tajba, jinbidel jew ikun revokat mill-qorti."*

In sintezi, l-iskop tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jiġi delinejat fis-sentenza fl-ismijiet **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi**,[6] fejn ġie mgħallem illi: *"In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap. 16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici, jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…….t-talba għall-waqfien m'ghandiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat". Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat."*

[6] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar it-28 ta' Marzu 2014.

Dan kompla jiġi kkonfermat riċentament fis-sentenza fl-ismijiet **Claire Pisani vs Joseph Pisani**,[7] fejn il-Qorti tal-Appell kompliet tirriafferma illi *"dak li trid il-ligi huwa li kull parti pendenti l-proceduri tas-separazzjoni jkollha l-fakolta` li jekk trid tista' titlob il-waqfien tal-komunjoni u li din it-talba m'ghandhiex tintlaqa' biss jekk il-Qorti tara li bil-waqfien tal-komunjoni parti jew ohra tkun ser issofri pregudizzju mhux proporzjonat. Ghalhekk dak li hu sostanzjalment relevanti huwa d-dritt moghti lill-parti biex jaghmel talba simili u li tali talba ma tintlaqax jekk fic-cirkostanzi tal-kaz il-waqfien ser jikkaguna pregudizzju mhux proporzjonat lil parti l-ohra".*

Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Dorianne Sammut vs Charles Sammut**,[8] fejn kompla jiġi affermat illi: *"Fi kliem iehor il-pregudizzju irid ikun sproporzjonat fis-sens li mhux kull pregudizzju jaghti lok ghal cahda ghat-talba in kwistjoni. Huwa evidenti ukoll li l-ghan tal-legislatur, certament konxju kemm jistghu jitwalu vertenzi simili, kien li tieqaf kemm jista' jkun malajr il-komunjoni tal-akkwisti biex ghall-inqas f'dan l-aspett, il-partijiet ikunu jistghu ikomplu jghixu hajjithom separatament gialadarba l-konvivenza bejniethom mhijiex aktar possibli. L-appellanti gia kellha erba' snin qabel id-decizjoni appellata (u issa sitt snin) biex tressaq il-provi taghha u din il-Qorti hija konsapevoli ukoll ta' kemm idumu ghaddejjin dawn il-vertenzi hafna drabi minhabba lusingar tal-partijiet biex iressqu l-provi kollha taghhom".*

## 3. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Kaz Odjern:

Il-Qorti hija marbuta permezz tal-Artikolu 55 subinċiz 4 tal-Kodiċi Ċivili li, qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, hija għandha tezamina u tara jekk xi parti jew oħra tkunx sejra tbati xi preġudizzju mhux proporzjonat b'tali waqfien pendenti l-kawza.

Fil-kaz odjern, l-Qorti tevalwa li ma hemmx oġġezzjoni *per se* għall-waqfien tar-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti li qiegħed jadopera bejn il-partijiet, filfatt jiġi notat illi fir-risposta tagħha l-konvenuta fl-ebda waqt ma tindika li *se mai* f'kaz li din il-Qorti tilqa' t-talba kif dedotta, hija ser tbati minn preġudizzju sproporzjonat. Madanakollu l-konvenuta tieħu l-opportunita' illi tikkontesta: (i) dak rilevat mill-attur fir-rikors tiegħu u r-raġuni wara tali talba, u (ii) l-fatt li l-

[7] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar il-24 ta' Ottubru 2019.
[8] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Mejju 2019.

attur ma ressaqx prova waħda in sostenn ta' dak allegat minnu in vista li l-kawza għadha sewwa sew fil-bidu tagħha.

Minkejja li ma hemmx oġġezzjoni mmirata direttament għal dak li jirrigwarda l-fulkrum tal-azzjoni odjerna, u ċjoe' l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, il-Qorti xorta ser tgħaddi sabiex tipprovdi l-konsiderazzjonijiet tagħha rigward dawk l-oġġezzjonijiet imresqa mill-konvenuta fir-risposta tagħha, liema oġġezzjonijiet fil-fehma tal-Qorti ġew imresqa *tanto per*.

Fl-ewwel lok u fir-rigward tal-ewwel oġġezzjoni, ċjoe' *"peress li dawn ma humiex il-bazi l-għala tintalab il-waqfien tal-komunjoni"*, il-Qorti ma tistgħax tifhem għaliex fil-fehma tal-konvenuta l-bazi mresqa mill-attur ma kienux bazi idoneji sabiex abbazi tagħhom l-attur seta' jitlob lil din il-Qorti l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti. Il-bazi mresqa mill-attur kienu jinkludu l-fatt li *ormai* l-partijiet qegħdin jgħixu ħajja indipendenti minn xulxin, minn kull aspett. Il-Qorti hija tal-fehma li permezz ta' tali bazi, l-attur ried juri lil Qorti illi in vista li l-partijiet qegħdin jgħixu ħajja distinta u separata minn xulxin, ma hemmx iktar lok sabiex jibqa' viġenti r-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti li beda jadopera bejniethom sa mill-ġurnata li zzewwġu. Min-naħa l-oħra, il-Qorti ma tistgħax ma tikkumentax dwar il-fatt li minkejja li l-konvenuta ssollevat din l-oġġezzjoni, tonqos milli telabora dwar x'kellu jkun, fil-fehma tagħha, dak li kellu jikkostitwixxi bazi idoneju u opportun fiċ-ċirkostanzi sabiex jintalab lill-Qorti l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodċi Ċivili. Għaldaqstant fil-fehma tal-Qorti, u dan anke fin-nuqqas ta' spjegazzjoni konċiza ta' dak li għall-konvenuta kien *se mai* jagħmel iktar sens, tali oġġezzjoni hija frivola u inutli.

Fit-tieni lok u fir-rigward tat-tieni oġġezzjoni, ċjoe' *"peress il-kawza għadha lanqas biss ġiet appuntata għall-ewwel dehra u min jallega jrid jipprova u allegazzjoni fi premess ma tfisser xejn"*, il-Qorti tevalwa illi r-rikors odjern ġie intavolat kontestwalment mar-rikors ġuramentat għall-firda personali, u l-ewwel dehra fil-kawza ta' firda personali bejn il-partijiet seħħet nhar is-16 ta' Frar 2021. Il-Qorti qiegħda tifhem illi l-oġġezzjoni tal-konvenuta tibbaza ruħha fuq il-fatt illi ġialadarba l-kawza għadha fil-bidu tagħha u l-partijiet għadhom lanqas biss bdew il-proċess tal-ġbir tal-provi, dan għandu jfisser illi dak rilevat mill-attur fir-rikors odjern huwa biss allegazzjoni mhux pruvata.

Ma hemm l-ebda dubju li l-kawza għall-firda personali għadha fi stadju bikri sew, madanakollu dan l-istat ta' fatt ma għandux iwaqqaf lil xi parti milli titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti. Artikolu 55 subinċiż 1 tal-Kodiċi Ċivili jistabbilixxi illi tali talba tista' ssir *"f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda"* mingħajr ma ssir distinzjoni jekk tali talba għandhiex issir fil-bidu nett, f'nofs il-proceduri waqt l-istadju tal-ġbir tal-provi, jew fi tmiem tagħhom. Għaldaqstant il-Qorti ma tarax illi l-oġġezzjoni tal-konvenuta għandha bazi, hekk kif *"l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni tirreferi ghall-futur u mhux ghall-passat, b'mod li dak li setghu ghamlu z-zewg partijiet qabel id-data li fiha tkun inghatat l-ordni ma jippregudikax is-sehem taghhom mill-istess komunjoni. Il-partijiet ghandhom id-dritt li jibqghu jressqu provi dwar l-assi tal-komunjoni ezistenti sa dik id-data, anke wara li tkun inghatat l-ordni tal-waqfien"*.[9]

Fl-azzjoni odjerna ma hemmx kontestazzjoni illi l-allegazzjonijiet tal-attur ma ġewx minimament ippruvati, madanakollu l-Qorti tfakkar illi f'azzjoni ta' waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, dak li jinteressa lill-Qorti primarjament ma huwiex jekk dak allegat minn min qiegħed jitlob il-waqfien għandux mis-sewwa, izda jekk dik il-parti li qiegħda tallega l-preġudizzju sproporzjonali resqitx il-prova neċċessarja sabiex tissostanzja l-preġudizzju vvantat minnha, sabiex jekk tali jirrizulta l-Qorti tgħaddi sabiex tiċħad it-talba għall-waqfien abbazi tas-subinċiż 4 tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili. Dan ifisser illi azzjoni ppernjata fuq Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili, l-*onus* tal-prova jinsab fuq dik il-parti li tallega preġudizzju sproporzjonat fil-kontront tagħha.[10] B'hekk fil-kaz odjern, il-massima legali *min jallega jrid jipprova*, kellha tiġi adoperata fil-konfront tal-konvenuta f'kaz illi kien hemm kontestazzjoni da parti tagħha abbazi ta' preġudizzju sproporzjonali vvantat minnha.

Madanakollu dan ma kienx il-kaz, hekk kif mill-atti jittranxendi illi ebda mill-partijiet ma allega illi ser jbati jew tbati preġudizzju sproporzjonali f'kaz li t-talba kif dedotta tiġi akkolta minn din il-Qorti, anzi addirittura jidher li hemm qbil dwar il-waqfien tar-reġim *per se*. Għaldaqstant fin-nuqqas ta' allegazjoni u provi rigward preġudizzju sproporzjonali, il-Qorti m'għandhiex tfettaq u tfittex ix-xagħra fl-għaġina dwar il-fatt illi l-attur ma ppruvax dak allegat minnu u dan tenut

---

[9] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Ronald Asciak vs Antonia Asciak**, deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar il-5 ta' Diċembru 2019.

[10] Ara s-sentenzi fl-ismijiet: (i) **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi**, deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar it-28 ta' Marzu 2014, (ii) **Claire Pisani vs Joseph Pisani**, deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar il-24 ta' Ottubru 2019, (iii) **Ronald Asciak vs Antonia Asciak**, deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar il-5 ta' Diċembru 2019.

kont illi jidher li ma hemmx kontestazzjoni da parti l-konvenuta dwar il-fatt illi l-partijiet: (i) ilhom separati minn xulxin għal sentejn, (ii) jgħixu ħajja separata minn xulxin, (iii) għandhom l-introjtu tagħhom u b'hekk huma f'kapaċita' li jsostnu lilhom nnfushom, u (iv) ma għandhomx ħajra jew prospettiva għal rikonċiljazzjoni. B'hekk din l-oġġezzjoni tal-konvenuta, f'għajnejn il-Qorti, lanqas ma għandha bazi.

Magħdud mal-premess jingħad ukoll illi l-ġiurisprudenza nostrana tirritjeni b'mod kostanti illi: *"Din il-Qorti dejjem uriet il-fehma li huwa propju fl-ambitu u fl-iskop tal-liġi illi meta l-ħajja miżżewġa tal-partijiet tispiċċa, konjuġi ma jibqax igawdi l-frott tal-ħidma tal-konjuġi l-ieħor. Huwa dan l-iskop, jew wieħed mill-iskopijiet, għall-waqfien tal-komunjoni fi stadju bikri tal-proċeduri tal-firda, għaliex jista' jkun ta' preġudizzju għal konjuġi wieħed jekk il-komunjoni tal-akkwisti tibqa' viġenti u l-konjuġi l-ieħor jibqa' jgawdi l-frott tal-ħidma tal-ewwel konjuġi, minkejja li l-ħajja matrimonjali bejniethom tkun spiċċat;*[11] *Dana naturalment mingħajr ebda preġudizzju għal kwalsiasi manteniment li jista' jkun dovut"* (sottolinejar ta' din il-Qorti).[12]

Fit-tielet lok u fir-rigward tal-oġġezzjoni *"peress illi mingħajr preġudizzju għall dan kien ir-rikorrenti li kisser dan iz-zwieġ bir-relazzjoni adultera li kellu u mhux kif qiegħed jipprova jpinġi lir-rikorrenti"*, il-Qorti tenfasizza illi dak li jirrigwarda l-mertu tal-firda personali tal-partijiet huwa irrelevanti u estranju għall-proċedura ta' waqfien tar-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti. F'dan il-kuntest, il-Qorti tassigura illi f'kaz li tintlaqa' t-talba kif dedotta, tali ordni mhux ħa jkollha effett fuq dak li jirrigwarda r-responsabbilita' għat-tifrik taz-zwieġ, is-sanzjonijiet li jistgħu jiġi applikati, il-likwidazzjoni u d-divizjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Fil-fatt il-partijiet ser ikollhom il-possibilita' li jresqu dawk il-provi kolha li huma relevanti għal kaz ta' separazzjoni tagħhom u dan nonostante d-deċizjoni tal-Qorti fir-rigward tax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti. Għaldaqstant, lanqas din l-oġġezzjoni tal-konvenuta ma għandha bazi jew relevanza għall-azzjoni odjerna.

---

[11] Deċiżjoni ta' din il-Qorti fil-kawża **Stephanie Attard vs. Kenneth Attard**, Rikors Numru: 188/15/2AL, deċiża fis-26 t'Ottubru 2016; kif ukoll **Pierre Darmanin vs. Louise Darmanin**, Rikors Numru: 176/16/1AL, deċiż fit-30 ta' Jannar 2017;

[12] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Elizabeth Spiteri vs Carmelo Spiteri**, deċiza mill-Qorti tal-Familja, kif prejeduta, nhar il-15 ta' Marzu 2018.

In vista tas-suespost, u tenut kont tal-fatt li l-konvenuta ma għandhiex oġġezzjoni *per se* għat-talba tal-attur, il-Qorti ma tarax għaliex m'għandhiex tilqa' it-talba kif dedotta mill-attur. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tirrileva ukoll illi għaliha ma hemmx dubju illi l-ħajja mizzewġa ta' bejn il-partijiet spiċċat definittivament, fejn il-partijiet qegħdin jgħixu ħajja indipendenti minn xulxin. Konsegwentament u fi kwalunkwe kaz ma jidhirx illi l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jista' jikkawza preġudizzju sproporzjonali fil-konfront tal-partijiet, u b'hekk il-Qorti ma tarax li l-konvenuta għandha tkompli tibbenefika mill-frott tal-ħidma tal-attur, u viċi versa. Barra minn hekk, il-Qorti tara pjuttost illi tali terminazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti abbazi ta' dak dikjarat mill-attur fir-rikors odjern, ser tkun ta' benefiċċju għaz-zewġ partijiet. Kif diġa' ġie premess iktar 'il fuq, kull parti tista' ttella' l-provi rigward il-mertu, inkluz rigward l-assi, kemm dawk parafernali u kif ukoll dawk appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti, fejn konsegwentament il-Qorti tgħaddi sabiex tipprovdi rigward dan fis-sentenza finali meta tigi biex tillikwida u tassenja l-assi formanti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, wara li jkunu nġabru l-provi kollha.

**DEĊIDE:**

Għaldaqstant u fir-rigward tar-rikors odjern, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċċiedi billi tilqa' it-talba kif dedotta u tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-partijiet b'mod immedjat u dana ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili, b'dana illi r-reġim matrimonjali li għandu japplika bejn il-partijiet mill-ġurnata li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat huwa dak tas-separazzjoni tal-beni; Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi zmien ġimgħa minn mindu din is-sentenza preliminari tgħaddi in ġudikat, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bl-istess sentenza sabiex ikun jista' jirreġistraha ai termini tal-Artikolu 55 subinċiz 5 tal-Kodiċi Ċivili.

L-ispejjez ta' din is-sentenza *in parte* jibqgħu rizervati għall-ġudizzju finali.